**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tat-23 ta' Novembru, 2001.**

**Citazzjoni numru 1687/01GC**

Tigne Deavelopment Company Ltd bhala proprjetarja tal-Lukanda Crowne Plaza

Vs.

Incoming Travel Bureau Limited

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici pprovdiet akkommodazzjoni u servizzi relatati, fil-lukanda Crowne Plaza, Tigne Street, Sliema, fuq ordni u a benficcju tas-socjeta konvenuta, u ghal-dan is-socjeta konvenuta kellha thallas is-somma ta' sitta u ghoxrin elf tmien mija disa u erbghin Lira (Lm26,849), skond fatturi gja mibghuta lis-socjeta konvenuta u accettati minnha u skond prospett anness mmarkat Dokument "B";

Illi minn dan l-ammont, is-socjeta konvenuta ma hallset xejn minkejja talbiet ghall-hlas;

Illi dan il-kreditu tal-atturi fis-somma ta' Lm26,849 huwa cert, likwidu u dovut, u safejn taf is-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghanda ebda difiza kontra it-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma, u dan jidher mill-affidavit ta' Francis Cassar, hawn anness u mmarkat dokument "C";

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M’ghandiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa t-talba tas-socjeta attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli l67-l70 tal-Kapitolu l2 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenut biex minnufih thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta’ Lm26,849 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar l-fuq;

Bl-imghax mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta li ir-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmiewn preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dehret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur